IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.5.2017
COM(2017) 229 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport finali dwar l-inkjesta Settorjali dwar il-Kummerċ Elettroniku

{SWD(2017) 154 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport finali dwar l-inkjesta Settorjali dwar il-Kummerċ Elettroniku

I. INTRODUZZJONI

(1) Fis-6 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni nediet inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku ("kummerċ-e") ta' oġġetti tal-konsum u ta' kontenut diġitali fl-UE ("inkjesta settorjali dwar il-kummerċ-e")[1]. L-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku tifforma parti mill-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali adottata fl-istess jum[2].

(2) L-istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tiddeskrivi diversi azzjonijiet ewlenin taħt it-tliet pilastri li permezz tagħhom il-Kummissjoni qed tippjana li toħloq "Suq Uniku Diġitali". Wieħed minn dawn il-pilastri hu marbut ma' li jiġi żgurat aċċess aħjar għall-konsumaturi u għan-negozji għall-oġġetti u s-servizzi permezz tal-kummerċ elettroniku fl-UE kollha.

(3) Il-kummerċ elettroniku fl-UE kiber b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin. Illum l-UE hija wieħed mill-akbar swieq tal-kummerċ elettroniku fid-dinja. Il-perċentwali ta' dawk bejn is-16 u l-74 sena li ordnaw oġġetti jew servizzi minn fuq l-internet kiber kull sena minn 30 % fl-2007 għal 55 % fl-2016[3].

(4) L-iżvilupp mgħaġġel fil-kummerċ elettroniku jaffettwa kemm lill-konsumaturi kif ukoll lin-negozji. L-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku ippermnettiet li l-l-Kummissjoni tati ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet prevalenti tas-suq u ġabret evidenza dwar l-ostakli għall-kompetizzjoni marbuta mat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku. L-inkjesta ppermettiet ukoll lill-Kummissjoni li tifhem il-prevelenza ta' ċerti prattiki kummerċjali u r-raġuni warajhom, u fl-aħħar nett biex tidentifika l-prijoritajiet għall-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE.

(5) Bħala parti mill-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku, bejn Ġunju 2015 u Marzu 2016 intbagħtu talbiet għal informazzjoni ("kwestjonarji") lill-partijiet ikkonċernati. 1 051 bejjiegħ bl-imnut ("bejjiegħ bl-imnut"); 37 suq; 89 fornitur ta' għodod tat-tqabbil tal-prezzijiet; 17-il fornitur ta' sistemi tal-pagament; 259 manifattur; 248 fornituri ta' kontenut diġitali; 9 kumpaniji li joffru servizzi ta' netwerks virtwali privati[4] u ta' "IP routing"; u 30 grupp kbir u operaturi tal-hosting[5], minn 28 Stat Membru, ipprovdew tweġibiet għall-kwestjonarji. Ir-rispondenti ssottomettew b'kollox 2 605

[1] L-inkjesta settorjali tnediet skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1;

[2] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa", COM(2015) 192 finali. Għal aktar dettalji dwar l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, ara https://ec.europa.eu/priorities/digital-single-market_mt

[3] Ara l-Iskarriġ Komunitarju tal-Eurostat tal-2016 dwar l-użu tal-ICT fl-unitajiet domestiċi u minn individwi, disponibbli fuq:
http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/E-commerce_statistics_for_individuals.

[4] Netwerk virtwali privat huwa kanal ta' komunikazzjoni kriptata li jista' jiġi stabbilit bejn żewġ kompjuters jew apparati bbażati fuq l-IP.

[5] Operaturi li joffru kontenut onlajn permezz ta' ftehimiet li permezz tagħhom dawn l-operaturi jospitaw fornituri ta' servizzi f'ambjent ta' hosting b'sett speċifiku ta' karatteristiċi, jew permezz ta' softwer ("operatur onlajn tal-hosting"), jew inkella permezz ta' ħardwer ("appart tal-hosting").

ftehim relatat mad-distribuzzjoni ta' oġġetti tal-konsum u 6 426 ftehim ta' liċenzjar relatat mad-distribuzzjoni ta' kontenut diġitali.

(6) Fil-15 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni ppubblikat Rapport Preliminari[6] dwar is-sejbiet inizjali tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku. Il-pubblikazzjoni tar-Rapport Preliminari kienet segwita minn konsultazzjoni pubblika miftuħa għall-partijiet ikkonċernati kollha. Il-konsultazzjoni pubblika ntemmet fit-18 ta' Novembru 2016. Saru total ta' 66 sottomissjoni fir-rigward ta' oġġetti tal-konsum u ta' kontenut diġitali[7].

(7) Il-partijiet interessati esprimew ukoll il-fehmiet tagħhom f'konferenza għall-partijiet ikkonċernati fi Brussell fis-6 ta' Ottubru 2016. L-event ipprovda lir-rappreżentanti ta' bosta partijiet ikkonċernati bl-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom dwar ir-Rapport Preliminari.

(8) Dan ir-Rapport huwa akkumpanjat minn dokument ta' Ħidma tal-Persunal, **ir-Rapport Finali dwar l-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku** (ir-"Rapport Finali") li jagħti sommarju tas-sejbiet ewlenin tal-inkjesta dwar is-settur tal-kummerċ elettroniku u jinkorpora l-kummenti sottomessi mill-partijiet konċernati matul il-konsultazzjoni pubblika. Ir-Rapport Finali huwa maqsum f'żewġ partijiet separati: l-ewwel taqsima tkopri l-kummerċ elettroniku tal-oġġetti tal-konsum, filwaqt li t-tieni waħda tiffoka fuq il-kummerċ elettroniku ta' kontenut diġitali.

II. SEJBIET EWLENIN TAL-INKJESTA SETTORJALI DWAR IL-KUMMERĊ ELETTRONIKU

2.1 OĠĠETTI TAL-KONSUM

(9) L-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku kopriet il-kategoriji ta' prodotti l-aktar mibjugħa onlajn: ħwejjeġ u żraben; tagħmir elettroniku għall-konsum privat; apparat elettrodomestiku; logħob tal-kompjuter u softwer; ġugarelli u oġġetti għall-kura tat-tfal; midja (kotba, CDs, DVDs u diski Blu-ray); prodotti kożmetiċi u għall-kura tas-saħħa; tagħmir li jintuża fil-beraħ u tal-isport, u prodotti tad-dar u tal-ġnien. Ir-rispondenti tal-kwestjonarji setgħu wkoll jikkummentaw dwar kwalunkwe kategoriji "oħra" ta' prodotti.

(10) Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jikkonfermaw li t-tkabbir tal-kummerċ elettroniku matul l-aħħar għaxar snin kellu impatt sinifikanti fuq l-istrateġiji tad-distribuzzjoni tal-kumpaniji u fuq l-imġiba tal-konsumaturi.

(11) L-ewwel, *it-trasparenza tal-prezzijiet* żdiedet bil-kummerċ onlajn. Il-konsumaturi issa jistgħu, b'mod istantanju, jiksbu u jqabblu l-prezz ta' prodott u l-informazzjoni dwaru onlajn, u jibdlu bil-ħeffa minn kanal għall-ieħor (onlajn/offlajn). Filwaqt li dan jippermetti lill-konsumaturi jsibu l-aħjar prezz onljan, dan jista' wkoll iwassal ukoll għal

[6] Ara SWD(2016) 312 finali, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/antitrust/sector_inquiry_preliminary_report_en.pdf.

[7] Il-lista tal-parteċipanti u l-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tas-sottomissjonijiet tagħhom huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/antitrust/sector_inquiries_e_commerce.html.

parassitiżmu: il-konsumaturi jistgħu jużaw is-servizzi ta' qabel il-bejgħ ta' ħanut fiżiku qabel jixtru l-prodott onlajn; alternattivament, il-konsumaturi jistgħu jfittxu u jqabblu l-prodotti onlajn qabel ma jixtru minn ħanut fiżiku[8]. L-indirizzar tal-parassitiżmu u li jinżammu l-inċentivi biex il-bejjiegħa bl-imnut jinvestu f'servizzi ta' kwalità għolja billi jinħoloq ambjent ekwu bejn dak offlajn u dak onlajn huma kunsiderazzjonijiet ewlenin, kemm għall-manifatturi kif ukoll għall-bejjiegħa bl-imnut.

(12) It-tieni, il-kapaċità li jitqabblu l-prezzijiet tal-prodotti bejn diversi bejjiegħa bl-imnut onlajn twassal għal aktar *kompetizzjoni fil-prezzijiet* li taffettwa kemm il-bejgħ onlajn kif ukoll il-bejgħ offlajn. Filwaqt li din iż-żieda fil-kompetizzjoni fil-prezzijiet għandha effetti ta' benefiċċju għall-konsumaturi, din tista' taffettwa l-kompetizzjoni fuq parametri oħra minbarra l-prezz, bħalma huma l-kwalità, il-marka u l-innovazzjoni. Filwaqt li l-prezz huwa parametru importanti tal-kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa bl-imnut, il-kwalità, l-immaġini tal-marka u l-innovazzjoni huma importanti fil-kompetizzjoni bejn il-marki. L-inċentivazzjoni tal-innovazzjoni u tal-kwalità, u li jinżamm kontroll fuq l-immaġni u fuq il-pożizzjonar tal-marka tagħhom huma ta' importanza kbira għall-biċċa l-kbira tal-manifatturi sabiex jgħinuhom jiżguraw il-vijabbiltà tan-negozji tagħhom fuq perjodu minn medju sa twil[9].

(13) It-tielet, it-trasparenza akbar fil-prezzijiet tippermetti lill-kumpaniji jimmonitorjaw aktar faċilment il-prezzijiet tagħhom. Il-maġġoranza tal-bejjiegħa bl-imnut iżommu għajnejhom fuq il-prezzijiet onlajn tal-kompetituri. Żewġ terzi minnhom jużaw programmi tas-softwer awtomatiċi li jaġġustaw il-prezzijiet tagħhom abbażi tal-prezzijiet osservati tal-kompetituri. B'softwer tal-ipprezzar, devjazzjonijiet mill-prezzijiet bl-imnut "rakkomandati" jinkixfu fi ftit sekondi u l-manifatturi qed isiru dejjem aktar kapaċi jimmonitorjaw u jinfluwenzaw l-iffissar tal-prezzijiet tal-bejjiegħa bl-imnut. Id-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar l-ipprezzar f'ħin reali tista' twassal ukoll għal koordinazzjoni awtomatizzata tal-prezzijiet. L-użu fuq skala wiesgħa ta' softwer bħal dan jista' f'xi sitwazzjonijiet, skont il-kondizzjonijiet tas-suq, iwassal għal tħassib dwar il-kompetizzjoni.

(14) Ir-raba', mudell alternattivi tad-distribuzzjoni onlajn, bħal swieq onlajn għamluha aktar faċli għall-bejjiegħa bl-imnut biex jilħqu lill-konsumaturi. Bejjiegħa żgħar, jistgħu bi ftit

[8] 72 % tal-manifatturi li wieġbu l-kwestjonarji rrikonoxxew b'mod espliċitu l-eżistenza tal-parassitiżmu mill-bejgħ onlajn fuq is-servizzi offlajn. 62 % irrikonoxxew l-eżistenza tal-parassitiżmu mill-bejgħ offlajn fuq servizzi (informazzjoni) offruti onlajn. Bejn wieħed u ieħor 40 % tal-bejjiegħa jirrikonoxxu wkoll l-eżistenza tal-parassitiżmu fiż-żewġ direzzjonijiet. Bejn wieħed u ieħor 50 % tal-bejjiegħa bl-imnut jiddikjaraw li ma jafux jekk din l-imġiba teżistix u inqas minn 10 % jgħidu li din l-imġiba tal-konsumaturi ma teżistix. Il-kostijiet sinifikattivament ogħla msemmija tas-servizzi offlajn iwassalu, madankollu għal tħassib ħafna akbar dwar il-parassitiżmu minn bejjiegħa onlajn fuq servizzi offlajn (ara t-Taqsima 4.1 tar-Rapport Finali).

[9] Il-manifatturi u l-bejjiegħa bl-imnut intalbu jikklassifikaw l-aktar parametri importanti tal-kompetizzjoni skont l-importanza tagħhom. Il-manifatturi jqisu l-kwalità tal-prodott, l-immaġni tal-marka u l-innovazzjoni tal-prodott bħala l-aktar importanti, u l-prezz ikklassifika bejn ir-raba' u s-sitt l-aktar fattur importanti. Il-bejjiegħa bl-imnut, madankollu, jikklassifikaw il-prezz bħala l-aktar parametru importanti tal-kompetizzjoni fis-setturi kollha jew ikklassifikawh fit-tieni post. Il-firxa tad-ditti, id-disponibbiltà u l-kwalità huma elenkati bħala għat-tliet parametri li jmiss l-iktar importanti tal-kompetizzjoni (b'varjazzjonijiet bejn setturi differenti) (ara t-Taqsima 2 tar-Rapport Finali).

investiment u sforz, isiru viżibbli u jbigħu prodotti permezz ta' pjattaformi terzi lil klijentela kbira u f'diversi Stati Membri. Dan jista' madankollu ma jaqbilx mal-istrateġiji tad-distribuzzjoni u tal-marka tal-manifatturi.

(15) Dawn ix-xejriet fis-suq jaffettwaw b'mod sinifikanti l-istrateġiji tad-distribuzzjoni u tal-ipprezzar kemm tal-manifatturi kif ukoll tal-bejjiegħa bl-imnut. B'reazzjoni għaż-żieda fit-trasparenza tal-prezzijiet u fil-kompetizzjoni tal-prezzijiet, il-manifatturi ppruvaw jiksbu aktar kontroll fuq in-netwerks tad-distribuzzjoni, bl-għan li jikkontrollaw aħjar il-prezz u l-kwalità. Dan jissarraf f'żieda fil-preżenza tal-manifatturi fil-livell tal-bejgħ bl-imnut u f'żieda fl-użu ta' ftehimiet jew prattiki miftiehma bejn il-manifatturi u l-bejjiegħa bl-imnut ("restrizzjonijiet vertikali"), li jaffettwaw il-kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa bl-imnut li jbigħu l-istess marka ("kompetizzjoni bejn l-istess marka"). Ir-Rapport Finali jagħti indikazzjonijiet tax-xejriet l-aktar tipiċi tas-suq li ġejjin:

(i) L-aħħar għaxar snin u b'reazzjoni għat-tkabbir fil-kummerċ elettroniku, proporzjon kbir ta' manifatturi ddeċida matul li jbigħ l-prodotti tiegħu direttament lill-konsumatur permezz ta' ħwienet bl-imnut onlajn u b'hekk qed jikkompetu dejjem aktar mad-distributuri indipendenti tagħhom stess.[10].

(ii) Użu akbar ta' "sistemi ta' distribuzzjoni selettiva"[11], fejn il-manifatturi jistabbilixxu l-kriterji li l-bejjiegħa bl-imnut iridu jilħqu biex isiru parti min-netwerk tad-distribuzzjoni u fejn il-bejgħ kollu lil bejjiegħa bl-imnut mhux awtorizzati jkunu pprojbit. Il-manifatturi jirrikonoxxu espliċitament li qed jużaw id-distribuzzjoni selettiva b'reazzjoni għaż-żieda fil-kummerċ elettroniku għax din tippermettilhom jikkontrollaw aħjar in-netwerks tad-distribuzzjoni tagħhom, b'mod partikolari f'termini ta' kwalità tad-distribuzzjoni iżda wkoll ta' prezz. Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jindikaw li kemm l-għadd ta' ftehimiet ta' distribuzzjoni selettiva kif ukoll l-użu ta' kriterji ta' għażla żdiedu b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar għaxar snin[12].

[10] Il-manifatturi ġew mistoqsijin x'miżuri konkreti ħadu b'reazzjoni għat-tkabbir fil-kummerċ elettroniku f'dawn l-aħħar 10 snin. 64 % tal-manifatturi rrapportaw li feṫu ħwienet bl-imnut proprji onlajn. 3 % irrapportaw li ħadu d-deċiżjoni li jintegraw kompletament l-attivitajiet tad-distribuzzjoni (ara t-Taqsima 3.1 tar-Rapport Finali).

[11] L-Artikolu 1(e) tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Vertikali (Vertical Block Exemption Regulation - VBER; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010 tal-20 ta' April 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiki miftiehma, ĠU L 102, 23.4.2010, p. 1.) jiddefinixxi l-kunċett ta' "sistema ta' distribuzzjoni selettiva" bħala "sistema ta' distribuzzjoni fejn il-fornitur jaċċetta li jbiegħ l-oġġetti jew is-servizzi li jkunu s-suġġett tal-kuntratt, jew direttament jew indirettament, lil distributuri magħżula abbażi ta' kriterji speċifikati biss u fejn dawn id-distributuri jobbligaw ruħhom li ma jbigħux dawn l-oġġetti jew servizzi lil distributuri li ma jkunux awtorizzati fit-territorju rriżervat mill-fornitur li jopera dik is-sistema".

[12] Il-manifatturi ġew mistoqsijin x'miżuri konkreti ħadu b'reazzjoni għat-tkabbir fil-kummerċ elettroniku f'dawn l-aħħar 10 snin. Kważi 20 % rrapportaw li huma kienu introduċew sistemi ta' distribuzzjoni selettiva (fejn dawn ma kellhomx waħda qabel), 2 % estendew is-sistemi eżistenti għal tipi ġodda ta' prodotti, u kważi 40 % introduċew kriterji ġodda fil-kuntratti tad-distribuzzjoni tagħhom dwar kif il-prodotti tagħhom jistgħu jinbiegħu jew jiġu rreklamati onlajn (ara t-Taqsima 3.1 tar-Rapport Finali).

(iii) Użu akbar ta' restrizzjonijiet vertikali li jippermettu kontroll akbar fuq id-distribuzzjoni tal-prodotti. Ir-restrizzjonijiet jistgħu jieħdu diversi forom skont il-mudell u l-istrateġija tan-negozju, bħal restrizzjonijiet fuq l-ipprezzar, projbizzjonijiet ta' swieq (pjattaformi), restrizzjonijiet fuq l-użu ta' għodod ta' tqabbil tal-prezzijiet u l-esklużjoni ta' atturi esklussivament onlajn min-networks tad-distribuzzjoni.

2.2 KONTENUT DIĠITALI

(16) L-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku ffukat fuq il-provvista onlajn ta' prodotti awdjoviżivi u tal-mużika. L-inkjesta involviet kemm lill-fornituri ta' kontenut diġitali, li joffru kontenut diġitali lill-konsumaturi jew li jipprovdu servizzi lil partijiet terzi biex joffru kontenut lill-konsumaturi, u lid-detenturi tad-drittijiet.

(17) L-informazzjoni miġbura matul l-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku tindika li t-trażmissjoni onlajn (jiġifieri l-possibbiltà għall-konsumaturi li jaċċessaw kontenut diġitali onlajn) bidlet il-mod kif il-kontenut diġitali jiġi aċċessat u kkunsmat, u dan ħoloq opportunitajiet ġodda ta' negozju kemm għall-operaturi stabbiliti kif ukoll għal dawk ġodda. It-trażmissjoni onlajn qed tħeġġeġ l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni fis-swieq tal-kontenut diġitali u dan qed jirriżulta f'varjetà ta' offerti ta' servizzi u mudelli ta' negozju ġodda.

(18) It-trażmissjoni onlajn tnaqqas il-kostijiet tat-trażmissjoni għal kull utent meta mqabbla ma' teknoloġiji ta' trażmissjoni oħrajn, bħal dawk terrestri. Din tipprovdi wkoll aktar flessibbiltà u skalabbiltà minn teknoloġiji ta' trażmissjoni oħrajn, bħalma hi dik bis-satellita. It-trażmissjoni onlajn tippermetti wkoll lill-fornituri ta' kontenut diġitali biex joħolqu interfaċċji tal-utent li jistgħu jiġu aċċessati fuq apparati multipli bla problemi u li jkunu faċilment adattabbli.

(19) Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jindikaw li l-element ewlieni li jiddetermina l-kompetizzjoni fis-swieq tal-kontenut diġitali huwa d-disponibbiltà tad-drittijiet relevanti. It-trażmissjoni onlajn ta' kontenut diġitali protett bid-drittijiet tal-awtur teħtieġ l-akkwist tad-drittijiet sabiex il-kontenut jiġi kummerċjalizzat legalment — li tipikament jinkludu d-dritt ta' trażmissjoni permezz tal-internet, tat-teknoloġiji tal-broadband jew bil-kejbil, u biex l-utenti jkunu jistgħu jistrimjaw jew iniżżlu l-kontenut permezz ta' apparat riċevitur. Matul iż-żmien ġew żviluppati prattiki kumplessi ta' liċenzjar. Dawn jirriflettu x-xewqa tad-detenturi tad-drittijiet li jisfruttaw b'mod sħiħ id-drittijiet tagħhom, u l-bżonn li l-fornituri ta' kontenut diġitali jibqgħu kompetittivi billi joffru kontenut attraenti li jissodisfa d-domanda tal-konsumaturi u jirrifletti d-diversità kulturali fl-Unjoni Ewropea.

(20) Meta jiġi analizzat l-ambjent kompetittiv fis-swieq tal-kontenut diġitali, huwa importanti li wieħed jifhem kif jiġu komunament liċenzjati d-drittijiet. Id-drittijiet jistgħu jinqasmu b'modi differenti u jistgħu jiġu liċenzjati, jew fuq bażi esklussiva jew fuq bażi mhux esklussiva, għal ċertu territorju u/jew għal ċerti teknoloġiji ta' trażmissjoni, riċeviment u użu.

(21) Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jindikaw li kien hemm tliet elementi ewlenin fir-rigward tal-portata tad-drittijiet li jintużaw b'mod komuni fil-ftehimiet tal-liċenzjar:

(i) drittijiet ta' teknoloġija u użu: dawn jinkludu t-teknoloġiji li l-forniturituri tal-kontenut diġitali jistgħu jużaw legalment biex jittrażmettu l-kontenut u jippermettu li l-utenti jirċevuh, inklużi l-modalitajiet tal-aċċess;

(ii) drittijiet tar-rilaxx u tad-durata: dawn jirreferu għall-"perjodu jew perjodi ta' rilaxx", jiġifieri l-perjodu li matulu l-fornitur tal-kontenut diġitali jkun legalment intitolat li joffri l-prodott; u

(iii) drittijiet ġeografiċi: dawn għandhom x'jaqsmu maż-żona jew maż-żoni ġeografiċi fejn il-fornitur tal-kontenut diġitali jkun jista' legalment joffri l-prodott.

(22) Id-drittijiet jistgħu jiġu liċenzjati permezz ta' kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn l-elementi, jew fuq bażi esklussiva jew mhux esklussiva. Il-ftehimiet ta' liċenzjar tipikament ma jippermettux użu bla restrizzjoni tad-drittijiet liċenzjati iżda jiġu b'termini u kondizzjonijiet espliċiti. Restrizzjonijiet kuntrattwali fil-ftehimiet tal-liċenzjar għalhekk mhumiex l-eċċezzjoni iżda n-norma fis-swieq tal-kontenut diġitali.

III. THASSIB EWLIENI DWAR IL-KOMPETIZZJONI

3.1 OĠĠETTI TAL-KONSUM

(23) It-tħassib ewlieni dwar il-kompetizzjoni enfasizzat mill-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jista' jinġabar fil-qosor kif ġej.

3.1.1 Distribuzzjoni selettiva

(24) Ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Vertikali attwali (Vertical Block Exemption Regulation - VBER) jeżenta l-ftehimiet ta' distribuzzjoni kwalitattiva u kwantitattiva selettiva mill-projbizzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-TFUE, dment li s-sehem mis-suq ta' kemm il-fornitur kif ukoll tal-bejjiegħ ma jaqbiżx it-30 % Din l-eżenzjoni tapplika indipendentement min-natura tal-prodott ikkonċernat u min-natura tal-kriterji ta' selezzjoni, sakemm dawn ma jkunux jinkludu restrizzjonijiet fundamentali[13] (kif elenkati fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament).

(25) Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku ma jistednux bidla fl-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni lejn id-distribuzzjoni selettiva kwantitattiva u kwalitattiva kif rifless fil-VBER. Id-distribuzzjoni selettiva tista', madankollu, tiffaċilita

[13] Meta jkun hemm restrizzjonijiet fundamentali fi ftehimiet vertikali, il-ftehimiet jitqiesu li jaqgħu taħt l-Artikolu 101(1) tat-TFUE u x'aktarx li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) tat-TFUE. Madankollu, il-kumpaniji mhumiex impediti milli jiddikkjaraw effiċjenzi u milli juru li l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) tat-TFUE huma ssodisfati (ara l-paragrafu 47 tal-Linji Gwida dwar Restrizzjonijiet Vertikali, ĠU C 130, 19.5.2010, p. 1, "il-Linji Gwida Vertikali").

l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċerti restrizzjonijiet vertikali li jistgħu jqajmu tħassib dwar il-kompetizzjoni u jeħtieġu skrutinju.


(26) Pereżempju, aktar minn nofs il-manifatturi jitolbu fil-ftehimiet ta' distribuzzjoni selettiva tagħhom, għal tal-anqas parti mill-prodotti tagħhom, l-operat ta' ħanut fiżiku mill-bejjiegħa bl-imnut u b'hekk jeskludu atturi esklussivament onlajn mid-distribuzzjoni tal-prodotti kkonċernati.

(27) Il-biċċa l-kbira ta' dawn ir-rekwiżiti ta' ħanut fiżiku għandhom l-għan li jippromwovu l-kompetizzjoni fil-kwalità tad-distribuzzjoni. Fl-istess ħin, ċerti rekwiżiti tal-ħwienet fiżiċi essenzjalment għandhom l-għan li jeskludi atturi esklussivament onlajn min-netwerk tad-distribuzzjoni selettiva, mingħajr ma jtejbu l-kompetizzjoni fuq parametri oħra minbarra l-prezz, bħalma huma l-kwalità tad-distribuzzjoni u/jew l-immaġni tal-marka. B'riżultat ta' dan, filwaqt li jiġi rikonoxxut li r-rekwiżiti tal-ħwienet fiżiċi huma ġeneralment koperti mill-VBER[14], ċerti rekwiżiti biex jiġi operat tal-inqas ħanut fiżiku wieħed mingħajr l-ebda rabta apparenti mal-kwalità tad-distribuzzjoni u/jew ma' effiċjenzi potenzjali oħrajn jistgħu jkunu jeħtieġu aktar skrutinju f'każijiet individwali.

3.1.2 Restrizzjonijiet fuq il-bejgħ u fuq ir-reklamar onlajn

(28) Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-prevalenza ta' ċerti restrizzjonijiet vertikali li jaffrontaw il-bejjiegħa onlajn.

Il-proporzjon tal-bejjiegħa bl-imnut b'restrizzjonijiet kuntrattwali, għal kull tip ta' restrizzjoni



(i) Ir-restrizzjonijiet/rakkomandazzjonijiet fuq l-ipprezzar

[14] Kif stipulat fil-paragrafu 176 tal-Linji Gwida Vertikali, il-benefiċċju tal-VBER jista' jitneħħa meta l-karatteristiċi tal-prodott ikunu tali li r-rekwiżit li jiġi operat ħanut fiżiku ma jġibx miegħu biżżejjed effetti li jtejbu l-effiċjenza biex jibbilanċjaw it-tnaqqis sinifikanti fil-kompetizzjoni fl-istess marka. Fejn iseħħu effetti antikompettitivi sinifikanti, il-benefiċċju tal-VBER jiġi probabbilment irtirat.

(29) Ir-restrizzjonijiet/rakkomandazzjonijiet fuq l-ipprezzar huma bil-bosta l-aktar restrizzjonijiet irrapportati mill-bejjiegħa bl-imnut.

(30) Skont ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni, il-manifatturi ma għandhom jieħdu l-ebda azzjoni li tinterferixxi mal-libertà tal-bejjiegħa bl-imnut li jistabbilixxu l-prezzijiet finali tagħhom għall-konsumaturi billi jistabbilixxu prezz tal-bejgħ bl-imnut rakkomandat jew prezz bl-imnut massimu ekwivalenti għal *prezz fiss jew minimu*. Ftehimiet li jistabbilixxu prezz minimu jew fiss ta' bejgħ mill-ġdid jew firxa ta' prezzijiet ("żamma tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid") huma restrizzjoni tal-kompetizzjoni abbażi tal-oġġett skont l-Artikolu 101(1) tat-TFUE[15] u restrizzjoni fundamentali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(a) tal-VBER.

(31) Fl-istess ħin, il-prattika ta' *rakkomandazzjoni* ta' prezz għall-bejgħ mill-ġdid jew li bejjiegħ bl-imnut jintalab jirrispetta prezz ta' bejgħ mill-ġdid massimu hija eżentata mill-VBER dment li l-limiti massimi tas-sehem mis-suq stabbiliti f'dak ir-Regolament ma jinqabżux u li r-rakkomandazzjoni ma tammontax għal prezz ta' bejgħ mill-ġdid minimu jew fiss b'riżultat ta' theddid, pressjoni jew inċentivi[16]. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-prezzijiet jitqiesu li huma importanti biex jiġu kkomunikati l-kwalità u l-pożizzjoni tal-marka.

(32) Diversi kummenti mill-bejjiegħa bl-imnut jindikaw l-użu taż-żamma tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid mill-manifatturi.

(33) Kemm il-manifatturi kif ukoll il-bejjiegħa bl-imnut spiss jimmonitorjaw il-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut onlajn, ta' spiss permezz ta' softwer tal-ipprezzar. B'konsegwenza ta' dan, issa huwa aktar faċli li jinstabu devjazzjonijiet mir-rakkomandazzjonijiet tal-ipprezzar tal-manifatturi. Dan jista' jippermetti lill-manifatturi jirritaljaw kontra l-bejjiegħa bl-imnut li jiddevjaw mil-livell tal-prezz mixtieq. Dan jista' wkoll jillimita l-inċentivi għall-bejjiegħa bl-imnut biex jiddevjaw minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-ipprezzar mill-bidu nett. Aktar trasparenza dwar il-prezzijiet onlajn tista' wkoll tiffaċilita jew issaħħaħ il-*kollużjoni* bejn il-bejjiegħa bl-imnut għax sar aktar faċli biex jiġu detetti devjazzjonijiet minn ftehim kollużiv. Dan, min-naħa tiegħu, jista' jnaqqas l-inċentivi għall-bejjiegħa bl-imnut biex jiddevjaw mill-prezz kollużiv billi jillimitaw il-vantaġġi mistennija minn din id-devjazzjoni.

(34) Bosta rispondenti tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku, inkluż fil-konsultazzjoni pubblika, ikkritikaw ir-regoli attwali tal-UE dwar l-*ipprezzar doppju*. Il-manifatturi huma ġeneralment ipprojbiti milli jitolbu prezzijiet bl-ingrossa differenti għall-istess prodotti lill-istess bejjiegħ bl-imnut (bejjiegħ ibridu) skont jekk il-prodotti humiex maħsuba biex jinbiegħu onlajn jew offlajn[17].

[15] Ara pereżempju s-sentenzi SPRL Louis Erauw-Jacquery vs La Hesbignonne SC, 27/87, UE:C:1988:183, paragrafu 15).
[16] Ara l-paragrafu 226 tal-Linji Gwida Vertikali.
[17] Ara l-paragrafu 52(d) tal-Linji Gwida Vertikali. Madankollu, il-Linji Gwida Vertikali jippermettu tariffa fissa biex issostni l-isforzi attwali tal-bejgħ mill-kanal offlajn (jew onlajn).

(35) L-ipprezzar doppju spiss jitqies mill-partijiet ikkonċernati bħala għodda effiċjenti potenzjali biex jiġi indirizzat il-parassitiżmu. Huma jsostnu li l-ipprezzar doppju jista' jgħin biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn il-bejgħ onlajn u l-bejgħ offlajn, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fil-kostijiet tal-investimenti. Kummenti fir-rigward tal-ipprezzar doppju jindikaw il-ħtieġa għal approċċ aktar flessibbli lejn l-ipprezzar bl-ingrossa marbut mal-prestazzjoni. Approċċ aktar flessibbli jkun jippermetti differenzjazzjoni bejn il-kanali tal-bejgħ, skont l-isforzi attwali tal-bejgħ, u jkun jinkoraġġixxi lill-bejjiegħa bl-imnut ibridi biex jappoġġjaw l-investimenti f'servizzi b'valur miżjud u li jiswew aktar (tipikament offlajn).

(36) Fl-istess ħin, xi kummenti juru wkoll nuqqas ta' ftehim potenzjali tar-regoli dwar il-prattiki tal-ipprezzar, fejn il-manifattur jistipula prezz (bl-ingrossa) differenti għall-istess prodott lill-istess bejjiegħ bl-imnut (ibridu), skont minn liema kanal ta' bejjiegħ mill-ġdid se jinbiegħ il-prodott (offlajn jew onlajn) u prattiċi fejn il-manifattur jistipula prezz (bl-ingrossa) differenti għall-istess prodott lil bejjiegħa bl-imnut differenti.

(37) Ir-Rapport Finali jiċċara li ż-żamma ta' prezzijiet (bl-ingrossa) differenti għal bejjiegħa bl-imnut differenti hija ġeneralment meqjusa bħala parti normali mill-proċess kompetittiv[18]. Ipprezzar doppju għall-istess bejjiegħ bl-imnut (ibridu) huwa ġeneralment meqjus bħala restrizzjoni fundamentali skont il-VBER. Barra minn dan, ir-Rapport Finali jindika l-possibbiltà li l-ftehimiet tal-ipprezzar doppju jiġu eżentati skont l-Artikoli 101(3) tat-TFUE fuq bażi individwali[19], pereżempju meta l-ftehim tal-ipprezzar doppju jkun indispensabbli biex jindirizza l-parassitiżmu.

(ii) Restrizzjonijiet fuq il-bejgħ fis-swieq onlajn

(38) Il-kwistjoni dwar sa liema punt, ir-restrizzjonijiet li jillimitaw il-ħila tal-bejjiegħa bl-imnut li jbigħu fis-swieq onlajn ("restrizzjonijiet fuq is-swieq" jew "projbizzjonijiet tal-pjattaformi"), jistgħu jqajmu tħassib minħabba r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni ġibdet attenzjoni sinifikanti f'dan l-aħħar snin f'xi Stati Membri. Bħalissa, hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar din il-kwistjoni[20]. Wieħed mill-għanijiet tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku kien li jiġu mifuhmin aħjar l-prevalenza u l-karatteristiċi tar-restrizzjonijiet tas-swieq u l-importanza tas-swieq bħala kanali tal-bejgħ għall-bejjiegħa bl-imnut u għall-manifatturi.

(39) Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku turi stampa pjuttost imxerda:

[18] Dment li l-prezzijiet bl-ingrossa differenti lill-bejjiegħa bl-imnut (onlajn) ma jkollhomx l-għan li jirrestrinġu l-esportazzjonijiet jew li jaqsmu s-swieq.
[19] Ara l-paragrafu 64 tal-Linji Gwida Vertikali.
[20] Fil-kawża C-230/16 *Coty Germany GmbH vs Parfümerie Akzente GmbH* ("Coty Germany"), il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main essenzjalment talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk projbizzjoni fuq l-użu ta' pjattaformi ta' partijiet terzi fi ftehim ta' distribuzzjoni selettiva tistax tkun kompatibbli mal-Artikolu 101(1) tat-TFUE u jekk tali restrizzjoni tikkostitwixxix restrizzjoni fundamentali fis-sens tal-Artikolu 4(b) u/jew tal-Artikolu 4(c) tal-VBER.

(i) Aktar minn 90 % tal-bejjiegħa bl-imnut rispondenti jużaw il-ħanut onlajn tagħhom stess meta jbigħu fuq l-internet. 31 % tal-bejjiegħa bl-imnut rispondenti jbigħu permezz tal-ħwienet onlajn tagħhom kif ukoll mis-swieq, filwaqt li 4 % biss tal-bejjiegħa bl-imnut rispondenti jbigħu onlajn permezz tas-swieq biss. Filwaqt li l-ħwienet onlajn proprji għalhekk jibqgħu l-aktar kanal ta' bejgħ onlajn importanti għall-bejjiegħa bl-imnut, l-użu tas-swieq żdied matul iż-żmien.

(ii) Is-swieq jaqdu rwol aktar importanti f'xi Stati Membri bħall-Ġermanja (62 % tal-bejjiegħa bl-imnut rispondenti jużaw is-swieq), ir-Renju Unit (43 %) u l-Polonja (36 %) meta mqabbel ma' Stati Membri oħrajn bħal (l-Italja 13 %) u l-Belġju (4 %).

(iii) Is-swieq huma aktar importanti bħala kanal ta' bejgħ għall-bejjiegħa bl-imnut żgħar u ta' daqs medju filwaqt li huma ta' inqas importanza għall-bejjiegħa bl-imnut akbar. Ir-riżultati juru li l-bejjiegħa bl-imnut iżgħar għandhom tendenza li jwettqu proporzjon akbar mill-bejgħ tagħhom permezz ta' swieq mill-bejjiegħa bl-imnut akbar.

(40) 18% tal-bejjiegħa bl-imnut qalu li għandhom ftehimiet mal-fornituri tagħhom li fihom restrizzjonijiet tas-suq. L-Istati Membri bl-ogħla proporzjon ta' bejjiegħa bl-imnut li għandhom restrizzjonijiet tas-suq huma l-Ġermanja (32 %) u Franza (21 %). Ir-restrizzjonijiet tas-suq li nstabu fl-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jvarjaw minn projbizzjonijiet assoluti għal restrizzjonijiet fuq bejgħ minn swieq li ma jissodisfawx ċerti kriterji ta' kwalità. Restrizzjonijiet fuq l-użu tas-swieq jinsabu l-aktar fi ftehimiet ta' distribuzzjoni selettiva. Dawn tipikament jikkonċernaw prodotti tad-ditta, iżda mhumiex limitati għal oġġetti lussużi, kumplessi jew tekniċi.

(41) L-informazzjoni miksuba mill-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku tindika li l-importanza tas-swieq bħala kanal ta' bejgħ tvarja b'mod sinifikanti skont id-daqs tal-bejjiegħa bl-imnut, l-Istati Membri kkonċernati, u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati. B'riżultat ta' dan, is-sejbiet jindikaw li l-projbizzjonijiet tas-swieq ġeneralment ma jirriżultawx fi projbizzjoni *de facto* fuq il-bejgħ onlajn jew ma jillimitawx l-użu effettiv tal-internet bħala kanal ta' bejgħ irrispettivament mis-swieq ikkonċernati. Is-sejbiet tal-inkjesta settorjali jindikaw ukoll li l-ġustifikazzjoni u l-effiċjenzi potenzjali rrapportati mill-manifatturi huma differenti minn prodott għal ieħor.

(42) B'riżultat, mingħajr preġudizzju għar-rinviju preliminari pendenti, is-sejbiet tal-inkjesta settorjali jindikaw li l-projbizzjonijiet (assoluti) tas-swieq ma għandhomx jitqiesu bħala restrizzjonijiet fundamentali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(b) u l-Artikolu 4(c) tal-VBER.

(43) Dan ma jfissirx li l-projbizzjonijiet assoluti tas-swieq huma ġeneralment kompatibbli mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni jew awtorità nazzjonali tal-

kompetizzjoni tista' tiddeċiedi li tirtira l-protezzjoni tal-VBER f'każijiet partikolari meta dan ikun iġġustifikat minħabba l-qagħda tas-suq[21].

(iii) Restrizzjonijiet ġeografiċi fuq bejgħ u reklamar onlajn

(44) Il-kummerċ elettroniku transfruntier għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-UE, billi l-konsumaturi jistgħu jsibuha aktar faċli li jixtru prodotti minn Stat Membru ieħor onlajn, milli jaqsmu l-fruntiera u jixtru l-prodott minn ħanut fiżiku.

(45) Madankollu, ħafna drabi mhuwiex possibbli għall-konsumaturi li jixtru onlajn minn pajjiż ieħor billi l-bejjiegħa bl-imnut jirrifjutaw li jbigħu lil konsumaturi barra mill-pajjiż, pereżempju billi jimblukkaw l-aċċess għall-websajts, jirrideriġu lill-konsumaturi lejn websajt immirati lejn Stati Membri oħra jew sempliċement billi jirrifjutaw li jikkonsenjaw f'pajjiż ieħor jew billi ma jaċċettawx pagamenti transfruntieri. Dawn il-miżuri huma magħrufa bħala "imblukkar ġeografiku". L-imblukkar ġeografiku jista' jiġi distint minn miżuri ta' "iffiltrar ġeografiku", jiġifieri prattiki kummerċjali fejn il-bejjiegħa bl-imnut onlajn jippermettu lill-konsumaturi minn pajjiż ieħor jaċċessaw u jixtru oġġetti jew servizzi iżda joffru termini u/jew kondizzjonijiet differenti jekk il-konsumaturi jkunu fi Stat Membru differenti.

(46) Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jindikaw li bosta manifatturi jiddistribwixxu l-prodotti tagħhom f'minn tal-inqas 21 Stat Membru, filwaqt li proporzjon żgħir ħafna (4 %) jipprovdihom fi Stat Membru wieħed biss.

(47) Filwaqt li l-prodotti normalment jinbiegħu madwar l-UE kollha, 36 % tal-bejjiegħa bl-imnut rispondenti qalu li huma ma jbigħux b'mod transfruntier għal minn tal-inqas waħda mill-kategoriji ta' prodotti rilevanti li fihom huma attivi. 38 % tal-bejjiegħa bl-imnut jiġbru informazzjoni dwar fejn jinsab il-konsumatur biex jimplimentaw miżuri ta' mblukkar ġeografiku. L-imblukkar ġeografiku l-aktar komuni jieħu l-forma ta' rifjut li jikkonsenjaw prodotti lil konsumaturi fi Stati Membri oħra, filwaqt li t-tieni l-aktar komuni huwa r-rifjut li jaċċettaw pagamenti minn għand dawn il-konsumaturi.

(48) Miżuri ta' mblukkar ġeografiku bbażati fuq deċiżjonijiet unilaterali minn kumpaniji mhux dominanti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, filwaqt li l-miżuri ta' mblukkar ġeografiku bbażati fuq ftehimiet jew prattiki kkonċertati bejn impriżi distinti jistgħu jaqgħu taħt l-Artikolu 101 tat-TFUE. Il-Qrati Ewropej iddeċiedew, f'diversi okkażjonijiet, li ftehimiet jew prattiki kkonċertati li għandhom l-għan li jaqsmu s-swieq skont il-fruntieri nazzjonali jew li jrendu aktar diffiċli l-interpenetrazzjoni tas-swieq nazzjonali, b'mod partikolari dawk li jimmiraw li jipprojbixxu jew jirrestriġu l-

[21] Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1;

esportazzjonijiet paralleli, ikollhom bħala l-objettiv tagħhom li jirrestringu l-kompetizzjoni skont l-Artikolu 101(1) tat-TFUE[22].

(49) Il-maġġoranza tal-miżuri tal-imblukkar ġeografiku fir-rigward ta' prodotti għall-konsumaturi jirriżultaw minn deċiżjonijiet kummerċjali unilaterali tal-bejjiegħa bl-imnut li ma jbigħux b'mod transfruntier. Madankollu, aktar minn 11 % tal-bejjiegħa bl-imnut indikaw li għandhom restrizzjonijiet kuntrattwali fuq il-bejgħ transfruntier f'minn tal-inqas kategorija waħda tal-prodotti li huma attivi fihom.

(50) Xi wħud minn dawn ir-restrizzjonijiet territorjali jistgħu jqajmu tħassib dwar il-kompetizzjoni.

(51) L-ewwel nett, ir-restrizzjonijiet kuntrattwali tat-territorju li fih id-distributur jista' jbiegħ dawn l-oġġetti huma ġeneralment meqjusa bħala restrizzjoni "fundamentali" fuq il-kompetizzjoni skont l-VBER, b'għadd limitat ta' eċċezzjonijiet biss[23].

(52) Il-VBER jiddistingwi f'dan il-kuntest bejn restrizzjonijiet fuq il-bejgħ attiv u restrizzjonijiet fuq il-bejgħ passiv.[24] Restrizzjonijiet fuq il-bejgħ attiv huma permessi sa fejn dawn jirrigwardaw il-bejgħ f'territorju esklussiv riżervat għall-fornitur jew allokat mill-fornitur lil distributur ieħor, filwaqt li restrizzjonijiet fuq il-bejgħ passiv jipprovdu protezzjoni territorjali assoluta u dan huwa normalment illegali[25]. F'sistema ta' distribuzzjoni selettiva, la l-bejgħ attiv u lanqas il-bejgħ passiv lill-utenti finali ma jista' jkun limitat.

(53) It-tieni nett, ir-restrizzjonijiet territorjali li jillimitaw il-kapaċità tal-bejjiegħa bl-imnut li attivament u passivament ibigħu lil konsumaturi li jinsabu barra l-Istat Membru tagħhom jistgħu wkoll iqajmu tħassib. Pereżempju, ċerti restrizzjonijiet fuq il-bejgħ attiv rapportati mhumiex limitati għal territorji li kienu allokati esklużivament lil distributuri oħrajn jew riżervati għall-fornitur. Barra minn hekk, ċerti fornituri li joperaw sistema ta' distribuzzjoni selettiva f'diversi Stati Membri, ġew irrapportati li rażżnu l-abilità ta' bejjiegħa bl-imnut awtorizzati milli jbigħu lill-konsumaturi kollha fit-territorju fejn tiġi applikata s-sistema ta' distribuzzjoni selettiva.

[22] Ara, pereżempju, is-sentenza *Établissements Consten S.à.R.L. u Grundig-Verkaufs-GmbH vs Il -Kummissjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea*, 56/64 u 58/64 kif ukoll is-sentenza Football Association Premier League u oħrajn, C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, il-paragrafu 139.

[23] Ara l-Artikolu 4(b) tal-VBER.

[24] "Bejgħ attiv" tfisser li wieħed attivament imur fuq konsumaturi individwali, pereżempju permezz ta' posta diretta, inkluż imejls mhux solleċitati, jew permezz ta' żjarat; jew li grupp ta' konsumaturi speċifiku jew konsumaturi f'territorju speċifiku jiġu kkuntattjati attivament permezz ta' reklami fil-midja, fuq l-internet jew permezz ta' promozzjonijet mmirati speċifikament lejn dak il-grupp ta' konsumaturi jew immirati lejn konsumaturi f'dak it-territorju. Min-naħa l-oħra, "bejgħ passiv" normalment tfisser bejgħ wara talbiet mhux soliċitati minn konsumaturi individwali inkluż it-twassil ta' oġġetti lil dawn il-konsumaturi.

[25] Dawn jistgħu jkunu kompatibbli mal-Artikolu 101 tat-TFUE f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss; ara pereżempju l-paragrafu 61 tal-Linji Gwida Vertikali.

3.1.3 L-użu tad-dejta fil-kummerċ elettroniku

(54) L-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku ma ffokatx b'mod partikolari fuq kwistjonijiet ta' kompetizzjoni marbut mad-dejta. Madankollu, ir-riżultati tagħha jikkonfermaw li l-ġbir, l-ipproċessar u l-użu ta' ammonti kbar ta' dejta (ta' spiss imsejjaħ "big data"[26]) qed isir dejjem aktar importanti għall-kummerċ elettroniku.

(55) Minn naħa l-waħda, id-dejta tista' tkun ass prezzjuż u l-analiżi ta' volumi kbar ta' dejta tista' ġġib ammont sostanzjali ta' benefiċċji fil-forma ta' prodotti u servizzi aħjar, u tista' tippermetti lill-kumpaniji jsiru aktar effiċjenti.

(56) Min-naħa l-oħra, ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jikkonfermaw iż-żieda fir-rilevanza tad-dejta u jindikaw tħassib possibbli dwar il-kompetizzjoni b'rabta mal-ġbir u l-użu tad-dejta. Pereżempju, skambju ta' dejta kompetittivament sensittiva, bħal dwar il-prezzijiet u l-kwantitajiet mibjugħa, bejn swieq u bejjiegħa terzi jew manifatturi li għandom il-ħwienet tagħhom stess u bejjiegħa bl-imnut jista' jwassal għal tħassib dwar il-kompetizzjoni meta l-istess atturi jkunu f'kompetizzjoni diretta għall-bejgħ ta' ċerti prodotti jew servizzi.

3.2 KONTENUT DIĠITALI

(57) Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jikkonfermaw li wieħed mill-fatturi determinanti prinċipali tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-kontenut diġitali huwa l-aċċess għad-drittijiet tal-liċenzjar għall-kontenut u, b'mod partikolari għal kontenut attraenti. Id-disponibbiltà ta' drittijiet onlajn hija fil-biċċa l-kbira ddeterminata mid-deċiżjoni ta' detentur ta' dritt partikolari li jilliċenzjahom u, jekk ikun il-każ, fuq l-ambitu tagħhom, kif definit fil-ftehimiet tal-liċenzjar.

(58) Ftehimiet ta' liċenzjar bejn detenturi tad-drittijiet u fornituri ta' kontenut diġitali jużaw definizzjonijiet kumplessi biex jiddefinixxu preċiżament l-ambitu tad-drittijiet. Huwa wkoll komuni li d-drittijiet jinqasmu fl-istess ftehimiet ta' liċenzjar jew fi ftehimiet ta' liċenzjar differenti, partikolarment f'termini tal-ambitu teknoloġiku, temporanju jew territorjali tagħhom.

(59) L-esklussività tintuża ħafna f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-liċenzjar peress li l-aċċess għal kontenut esklussiv iżid l-attrattività tal-offerta tal-fornituri tal-kontenut diġitali. Il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-esklussività mhuwiex problematiku fih innifsu.

(60) It-tħassib ewlieni dwar il-kompetizzjoni identifikat fl-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku huwa relatat ma' ċerti restrizzjonijiet kuntrattwali fil-ftehimiet tal-liċenzjar.

(i) Ambitu tad-drittijiet liċenzjati

[26] Dan il-"big data" jista', skont iċ-ċirkostanzi , ikun soġġet għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.

(61) Id-detenturi tad-drittijiet għandhom it-tendenza li jinqasmu d-drittijiet f'diversi komponenti u jilliċenzjawhom kollha jew parti minnhom lil fornituri differenti ta' kontenut fi Stati Membri differenti. L-ambitu tad-drittijiet liċenzjati, kif determinat skont il-ftehim tal-liċenzjar, jista' jvarja fir-rigward ta': (i) it-teknoloġija użata biex il-kontenut jiġi distribwit u aċċessat, f'termini ta' trażmissjoni, riċeviment u użu ta' teknoloġiji; (ii) ir-rilaxx tal-prodott u/jew it-tul tad-drittijiet liċenzjati; u (iii) l-ambitu territorjali.

(62) Il-gruppar ta' drittijiet tat-teknoloġija huwa komuni wkoll. Id-drittijiet għat-trażmissjoni onlajn ta' kontenut diġitali huma fil-biċċa l-kbira liċenzjati flimkien mad-drittijiet għal teknoloġiji oħrajn ta' trażmissjoni. Il-ftehimiet ippreżentati mil-fornituri ta' kontenut diġitali jindikaw li d-drittijiet onlajn b'mod partikolari jkunu ta' spiss liċenzjati flimkien ma' drittijiet għal trażmissjonijiet mobbli, trażmissjoni terrestri u trażmissjoni bis-satellita.

(63) Il-gruppar tad-drittijiet għat-trażmissjoni onlajn ma' drittijiet għal teknoloġiji ta' trażmissjoni oħra jipproteġi d-drittijiet esklussivi għal prodott ta' kontenut diġitali u b'hekk jagħti lil fornitur wieħed ta' kontenut il-possibbiltà li jużahom b'rabta mal-istess prodott. Kwalunkwe allokazzjoni alternattiva ta' drittijiet timplika li fornituri differenti ta' kontenut ikunu jistgħu joffru l-istess prodott.

(64) Madankollu, il-gruppar ta' drittijiet onlajn jista' jxekkel lill-operaturi eżistenti u lil dawk ġodda milli jikkompetu u jiżviluppaw servizzi innovattivi ġodda u dan imbagħad inaqqas l-għażla għall-konsumatur. Il-gruppar jista' jkun ta' tħassib partikolari meta jwassal għal restrizzjoni tal-output, f'sitwazzjonijiet fejn id-drittijiet onlajn ikunu nkisbu iżda ma jkunux qed jiġu esplojtati jew ma jkunux qed jiġu esplojtati għal kollox mid-detentur tal-liċenzja.

(ii) Restrizzjonijiet territorjali u l-imblukkar ġeografiku

(65) Id-drittijiet onlajn huma fil-biċċa l-kbira liċenzjati fuq bażi nazzjonali jew fit-territorju ta' għadd limitat ta' Stati Membri li għandhom lingwa komuni. Dan huwa partikolarment prevalenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' tipi ta' kontenut li jista' jkun fihom prodotti premium, bħalma huma l-isport (60 %), il-films (60 %) u t-TV tal-finzjoni (56 %).

(66) Il-fornituri ta' kontenut diġitali ta' spiss jużaw miżuri tal-imblukkar ġeografiku[27]. Il-biċċa l-kbira tal-fornituri ta' kontenut diġitali (68 %) jirrestriġu l-aċċess għas-servizzi tagħhom ta' kontenut diġitali onlajn minn Stati Membri oħra, u 59 % minnhom jagħmlu dan minħabba restrizzjonijiet kuntrattwali fil-ftehimiet mad-detenturi tad-drittijiet. L-imblukkar ġeografiku huwa l-aktar prevalenti fi ftehimiet għal serje televiżivi (74 %), films (66 %) u avvenimenti sportivi (63 %). Huwa inqas prevalenti fi ftehimiet ta' kategoriji oħra ta' kontenut diġitali, bħall-mużika (57 %), it-TV għat-tfal (55 %), TV mhux tal-finzjoni (51 %) u l-aħbarijiet (24 %).

[27] Ara l-paragrafu 49 aktar 'il fuq.

(67) Madankollu, hemm differenza bejn l-Istati Membri u s-setturi tal-kontenut fir-rigward tal-prevalenza tal-imblukkar ġeografiku. F'xi Stati Membri għadd żgħir biss mir-rispondenti jużaw l-imblukkar ġeografiku, filwaqt li f'xi Stati Membri oħrajn jużawh il-maġġoranza kbira tar-rispondenti. Ċerti operaturi jidher li jużaw l-imblukkar ġeografiku aktar minn oħrajn. Dan iwassal għal differenzi f'kemm jintuża l-imblukkar ġeografiku fl-UE.

(iii) Durata tal-ftehimiet ta' liċenzjar

(68) Id-durata tal-ftehimiet ta' liċenzjar hija, flimkien mal-ambitu teknoloġiku u territorjali tal-ftehim, komponent ewlieni tal-liċenzjar tad-drittijiet. Kuntratti relattivament twal huma komuni, b'aktar minn 50 % tal-ftehimiet li jdumu aktar minn tliet snin u 23 % minnhom aktar minn ħames snin. Ir-relazzjonijiet kuntrattwali għandhom ħabta jdumu saħansitra aktar, b'durati medji ta' aktar minn 10 snin jew anki 20 sena, possibbilment b'riżultat ta' klawżoli li jiffavorixxu l-estensjoni tagħhom.

(69) Il-fatt li l-partijiet kontraenti ħafna drabi jiddeċiedu li jagħmlu kuntratt ġdid jew li jġeddu jew jestendu l-kuntratt eżistenti minflok ma jikkonkludu kuntratti ma' partijiet ġodda x'aktarx li jagħmluha aktar diffiċli għal atturi ġodda milli jidħlu fis-suq. Jista' wkoll jagħmilha aktar diffiċli biex operaturi eżistenti jespandu l-attivitajiet kummerċjali attwali tagħhom, pereżempju b'mezzi oħra ta' trażmissjoni, bħal pereżempju onlajn jew fi swieq ġeografiċi oħra. Ċerti klawżoli kuntrattwali jistgħu jiffaċilitaw l-espansjoni ta' kuntratt ta' liċenzjar esklużiv eżistenti bħal tiġdid awtomatiku, l-ewwel negozjar, tal-ewwel rifjut, it-tqabbil tal-prezzijiet jew klawżoli simili.

(iv) Strutturi u metriċi tal-pagamenti

(70) Filwaqt li l-istrutturi tal-pagamenti għal kontenut mhux premium (bħal aħbarijiet u TV mhux tal-finzjoni) ivarjaw ħafna, id-detenturi tad-drittijiet li jilliċenzjaw kontenut attraenti għandhom it-tendenza jużaw strutturi tal-pagamenti bħal pagamenti bil-quddiem, garanziji minimi u tariffi fissi għal kull prodott irrispettivament mill-għadd ta' utenti. Dawn il-prattiki b'mod impliċitu pprivileġġaw fornituri ta' kontenut aktar stabbiliti, li tipikament ikunu jistgħu jimpenjaw ruħhom għal livelli akbar ta' investimenti bil-quddiem.

(71) Ir-riżultati tal-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku jqajmu l-kwistjoni dwar jekk ċerti prattiki ta' liċenzjar jistgħux jagħmluha aktar diffiċli biex jinbtu mudelli ta' negozju u servizzi ġodda onlajn. Tqum ukoll il-kwistjoni dwar jekk dawn il-prattiki jagħmluhiex aktar diffiċli biex jidħlu atturi ġodda jew iżgħar fis-swieq eżistenti jew li jikbru u jespandu l-attivitajiet tagħhom fi swieq oħra, u jekk dawn il-prattiki tal-liċenzjar humiex iġġustifikati.

(72) Kwalunkwe valutazzjoni ta' ċerti prattiki ta' liċenzjar skont ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE trid tqis il-karatteristiċi tal-industrija tal-kontenut, il-kuntest ġuridiku u ekonomiku tal-prattika tal-liċenzjar u/jew il-karatteristiċi tal-prodott u tas-swieq ġeografiċi rilevanti.

IV. KONKLUŻJONIJIET POLITIĊI TAL-INKJESTA SETTORJALI DWAR IL-KUMMERĊ ELETTRONIKU

(73) Bit-tkabbir fil-kummerċ elettroniku, nibtu u żviluppaw ċerti prattiki kummerċjali li jqajmu tħassib dwar il-kompetizzjoni. Huwa importanti li jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni fir-rigward tal-prattiki tan-negozju fis-swieq tal-kummerċ elettroniku, li mbagħad ikunu jistgħu joħolqu ostakli serji biex il-kumpaniji jkunu attivi, b'mod konformi, f'diversi Stati Membri, għad-detriment tas-Suq Uniku Diġitali.

(74) Il-VBER jiskadi f'Mejju 2022, u r-riżultati tal-inkjesta dwar is-settur tal-kummerċ elettroniku jikkonfermaw li ma hemmx ħtieġa li r-rieżami tiegħu jiġi antiċipat. L-ammont kbir ta' dejta u informazzjoni relatata miġbura matul l-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku u kwalunkwe gwida li tirriżulta minn azzjoni ta' infurzar ta' segwitu, madanakollu se sservi bħala kontribut għall-proċess ta' rieżami fil-ġejjieni.

(75) Għalhekk fid-dawl tar-riżultati tal-inkjesta dwar is-settur tal-kummerċ elettroniku, il-Kummissjoni se:

(i) **timmira l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE** lejn l-aktar prattiki kummerċjali użati li nibtu jew żviluppaw bħala riżultat tat-tkabbir fil-kummerċ elettroniku u li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ transfruntier u b'hekk fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku Diġitali;

(ii) twessa' id-djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-netwerk Ewropew tal-kompetizzjoni dwar l-infurzar relatat mal-kummerċ elettroniku biex tikkontribwixxi għall-**applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE** fir-rigward tal-prattiki kummerċjali relatati mal-kummerċ elettroniku.